KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 351**

**T-Tnejn 22 ta' Jannar, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**351.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

351.1.1 Inqrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**351.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

351.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 350. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 348 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**351.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

351.3.1 Is-Sindku qalet li għal-sena oħra l-Kunsill Lokali ġie mitlub iġedded il-health insurance tal-impjegati u l-kunsilliera, il-kunsill qabel li jġedded l-iskema.

351.3.2 Is-Sindku qalet li rċeviet numru ta' applikazzjonijiet għall Kunsill Lokali tat-tfal. Hi għandha tlaqqa' lit-tfal qabel Jum is-Siġġiewi biex jibdew diskussjonijiet u inizjattivi. Is-Sindku qalet li fl-ewwel laqgħa se tressaq l-idea lit-tfal, biex jinxtraw kotba ta' Sam Farrugia, tifel li kien student fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi, u li kiteb ktieb li minnu qed jinġabru fondi għall-Malta Community Chest Fund. Is-Sindku qalet li minkejja l-marda tal-kanċer li minħabba tali marda tilef id-dawl t'għajnejh, Sam baqa' kuraġġuż u saħansitra sab kuraġġ jikteb dan l-ktieb. Is-Sindku qalet li tkun idea tajba jekk it-tfal jieħdu l-inizjattiva li fis-serata ta' Jum is-Siġġiewi jirrikonoxxu dan il-proġett ta' Sam bħala tifel li għandu wkoll rabta mas-Siġġiewi.

351.3.3 Is-Sindku aġġornat lill-Kunsilliera dwar ix-xogħlijiet fi Triq Kilpa fejn qalet li ġiet infurmata minn Transport Malta li x-xogħlijiet ser jitkomplew u li sa' l-aħħar ta' Jannar ser ikun lest it-tarmac, biex wara jibda x-xogħol fuq roundabout ġdida fiż-żona.

**351.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

351.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**351.5 Fondi Ewropej Miżura 4.4 u 4.3**

351.5.1 Is-Sindku qalet li l-Kunsill għaddej bil-preparamenti meħtieġa biex isiru l-proġetti elenkati kif ipjanat f'Miżura 4.4 u 4.3 mil-fond għall-iżvillup rurali. Is-Sindku qalet li s-segretarju qiegħed f'komunikazzjoni mal-awtorijiet kompetenti biex ikun hemm kordinament ma entitajiet oħra bħal korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma, qabel jinbdew ix-xogħlijiet ta' għoti ta' wiċċ ġdid bit-tarmac. Fir-rigward ta' rranġar ta' ħitan tas-sejjiegħ li huma fir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali qed isiru l-preparamenti biex jinħareġ

tender.

**351.6** **Restawr tal-faċċata tal-Kappella tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann.**

351.6.1 Is-Sindku qalet li s-Segretarju ltaqa' mal-perit responsabbli mill-proġett mid-Direttorat tar-Restawr. Fil-ġranet li ġejjin ser isiru studji tekniċi fuq il-kappella biex isiru l-applikazzjonijiet neċċessarji mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Segretarju qal li għandu jikteb lid-derrettorat biex ikun iċċarrat li x-xgħolijiet ser isiru fuq il-faċċata kollha tal-Kappella u li tinkludi l-parti fejn hemm il-gallarijiet, dan wara li l-perit irrimarka li x-xogħlijiet ta' restawr għandhom isiru biss mal-faċċata li tmiss direttament mal-bieb prinċipali tal-kappella. Għal laqgħa mal-Perit mid-Direttorat tar-Restawr kien hemm preżenti wkoll l-Arċipriet tal-Parroċċa.

**351.7** **Jum is-Siġġiewi**

351.7.1 Saret diskussjoni dwar l-programm ta' attivitajiet li għandhom isiru b'rabta ma Jum is-Siġġiewi. Sar qbil li jiġu ppjanati dawn l-attivitajiet:

- Assembly fl-iskola Primarja fl-1 ta' Marzu
- Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-4 ta' Marzu filgħodu fil-Knisja Arċipretali
- Serata tal-Għoti ta' l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi fl-4 ta' Marzu filgħaxija fl-Iskola Primarja
- Attivita' fiċ-Ċentru tal-Anzjani fit-8 ta' Marzu
- Attivita' ta' Saħħa u Sport fil-11 ta' Marzu
- Żjara kulturali fit-18 ta' Marzu

**351.8** **Performance Bonus tal-Impjegati**

351.8.1 Is-sindku proponiet li l-performance bonus għall-impjegati tal-kunsill jinggħata sal massimu li tiprovdi l-liġi, il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**351.9** **Xogħlijiet fi Triq Nerik Vassallo u Triq San Gorg Preca**

351.9.1 Is-Sindku aġġornat lil Kunsilliera bix-xogħlijiet f'din it-triq fejn ix-xogħlijiet issa nbdew bl-ewwel fażi tkun il-pipe laying u nstalazzjoni ta' meter tal-ilma, bankini ġodda u wara li jsir l-ittestjar tas-servizzi ġodda tal-ilma jingħata t-tarmac.

**351.10** **Ħatriet għal Bord tal-aġġudikazzjoni skont ir-regolamenti dwar l-**

**akkwist pubbliku.**

351.10.1 Is-sindku qalet li peress li l-kunsill irid jagħżel espert tekniku, u żewġ persuni li għandhom background fis-settur finanzjarju u legali qed tiproponi lis-sussegwenti: l-Avukat Dr Malcolm Mifsud, L-Accountant Alex Abela, espert tekniku is-Sur Bjorn Bonello.

Il-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil ġie suġġeriet ukoll bħala espert fil-qasam legali. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera jressqu aktar ismijiet jekk jixtiequ sabiex ikun hemm lista ta' professjonisti għall-għażla ta' tenders.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu. il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku sservi bħala Chairman u fl-assenza tagħha jistgħu jkunu jistgħu jservu bħal chairman tal-Bord tal-aġġudikazzjoni l-Viċi Sindku jew il-Kunsillier Clayton Cutajar.

**351.11 Rapport tal-Korrispondenza**

351.11.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċeiva bejn it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 u t-Tnejn 22 ta' Jannar 2018.

**351.12 Materji Konnessi mal-Awtorita tal-Ippjanar**

351.12.1 Is-Segretarju ppreżenta r-rapport tal-applikazzjonijiet fis-Siġġiewi rreġġistarti mal-Awtorita' tal-Ippjanar bejn it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 u t-Tnejn 22 ta' Jannar 2018.

**351.13 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

351.13.1 Il-Viċi Sindku tkellem dwar diversi miżuri marbuta mal-immaniġġjar tat-Traffiku fosthom timed parking fiż-żona ta' ħdejn l-iskola, Triq Ħal Xluq tiġi one way u ssir diskussjoni ma TM dwar zebra crossing fi Triq Santa Margerita. Saret diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil li dawn il-proposti jkunu analizzati f'akar dettal u jitressqu għal-approvazzjoni tal-Kunsill f'seduti aktar 'il quddiem

351.13.2 Il-Kunsilliera Dr Mark Anthony Vassallo u l-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace tkellmu dwar il-logistika għal Jum is-Saħħa, sar qbil lijinġieb il-blood bank, diskussjoni dwar is-saħħa bejn id-9.30 u l-10.30 u fl-fl-10.30 tibda taħdita dwar healthy eating ma Carmen Tedesco.

351.13.3 Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace tkelmet ukoll fuq il-ħtieġa li Triq Ramija ssir one way. Sar qbil li din il-proposta tkun studjata f;aktar dettal u titressaq bħala proposta f'seduta oħra.

351.13.4 Il-Kunsillier Clayton Cutajar tkellem dwar plakka ta' żmien il-gwerra fi Triq Ramija hu għandu jkellem lil xi residenti biex jikseb dettalji ta' fejn tista' teħel il-plakka, hu semma wkoll l-idea li xi residenti qassmu miegħu biex jerġa jibda jsir t-tberik tal-annimali. Il-Kunsillier Cutajar tkellem ukoll dwar proposta biex tiżdiet ġurnata oħra għad-day centre. Sar qbil li s-

Sindku titkellem mal-Onor. Decelis.

**351.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

351.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**351.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

351.15.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 12 ta' Frar 2018 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 22 ta' Frar 2018.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |